MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 472/2003

**Grace Cassar**

**Vs**

**Anton Abela**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn mija u seba u sebghin lira Maltija (Lm2177), arretrati ta’ kera tal-hanut bin-numru 11 bl-isem Donia sottopost ghall-blokk appartamenti bl-isem Belmar Flats sitwat fi triq il-Halel, Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar u dan ghall-perijodu mis-7 ta’ Novembru 2002 sas-17 ta’ Settembru 2003 kif ukoll ikun ikkundannat jizgombra mill-istess fond bin-numru 11 bl-isem Donia sottopost ghall-blokk appartamenti bl-isem Belmar Flats sitwat fi Triq il-Halel, Bugibba limiti ta’ San Pawl il-Bahar u dan billi l-konvenut ghat-tenur tal-klawsola Nru 6 tal-iskrittura ta’ lokazzjoni tas-7 ta’ Mejju 2002 iddikada mid-

drittijiet tal-konvenut taht l-istess kirja u dan billi l-konvenut baqa morus fil-hlas ta’ zewg skadenzi kera u nonostante diversi interpellazzjonijiet bil-miktub mill-attrici biex il-konvenut ihallas liema interpellazzjonijiet igibu d-dati 11 ta’ Gunju 2003, ittra ufficjali tal-1 ta‘ Lulju 2003 u ittra ohra ta’ l-4 ta‘ Awissu 2003 baqa inadempjenti ghal izjed minn sebat’ijiem.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ Lulju 2003 u bl-imghax legali fuq l-ammont dovut mid-data tal-pagament dovuta sad-data tal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Novembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex:

1. jizgombra mill-fond bin-numru 11, bl-isem “Donia”, sottopost ghal blokk appartamenti bl-isem Belmar Flats sitwat fi Triq il-Halel, Bugibba, limiti ta’ San Pawl il-Bahar u dan sat-12 ta’ Dicembru 2003;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm2177.00,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta’ Lulju 2003 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-11 ta’ Gunju 2003, tal-11 ta’ Lulju 2003 u tal-4 ta’ Awissu 2003 kif ukoll ta’ dik ufficjali tal-11 ta’ Lulju 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------